**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Marzu, 2019

Rikors Nru : 26/18AL

**AB**

***-vs-***

**DR.YANIKA BUGEJA U L-PL HILDA ELLUL MERCER**
**li b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2017**
**gew nominati kuraturi deputati**
**ghall-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet nagħqdu fiż-żwieġ hawn Malta fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta nhar it-tlieta (3)ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001);Certifikat taż-żwieġ anness Dok A).

Illi l-partijiet ilhom ma jirrisjedu flimkien mis-sena elfejn u wiehed (2001) u fil-fatt huma irrisjedu flimkien biss ghal tlett (3) xhur u dan wara li l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali u marrettghix ma habiba taghha hawn Malta;

Wara ftit xhur l-intimata telqet ukoll minn Malta u marrret lura ir-Russja u mindakinhar l-esponentima kellu l-ebda kuntatt maghha;

Il-partijiet qatt ma kellhom tfal flimkien.

Illi l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment kif ukoll l-assi li jaghmlu parti mill-kommunjonital-akkwisti meta ghall-ebda raguni valida hija abbandunat id-dar matrimonjali u lill-zewgha.

Illi llum l-gurnata ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-liġi għall-ħalla taż-żwieġ u għad-divorzju talpartijiet.

Talab, li l-intimati jghidu ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1) tiddikjara maħlul iż-żwieġ tiegħu ma' CD xebba F u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi; u

2) tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku.

3) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata ai termini ta' l-artikoli 38 sa 41;

4) Tiddikjara li l-intimata tilfet kull dritt u setgha fuq il-komunjoni tal-akkwisti u fuq dak generat mir-ragel u konsegwentement tiddikjara li :

i. L-appartament bin-numru no 42, flat 2, Triq Sant Bernardette San Gwann bil-garage sottostanti bla numru ufficjali; u
ii. Kontijiet bankarji u bonds tal-bank f'isem ir-rikorrenti; u
iii. Zewg vetturi ta' ghamla Toyota Mrs bin-numru MRS654 u Mercedes CLK bin-numru ta' registrazzjoni MAR339;
huma proprjeta' assoluta tal-esponenti;

5) Konsegwentement tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;
6) Tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti;

Illi mir-rikors tar-rikorrenti stess jidher li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghadha ma hiex xolta u skont ma ddikjara l-istess rikorrent, hemm assi appartenenti l-istess komunjoni;

Illi l-esponenti jifhmu li hemm l-elementi sabiex jintalab id-divorzju izda r-rikorrent naqas milli jottempora ruhu ma' l-artiklu 66D tal-Kodici Civili;

Illi dan l-artiklu jghid li la darba l-partijiet ma jkunux legalment separati, dik il-parti li tkun qeghda tressaq it-talba ghad-divorzju tista' tressaq it-talbiet li kieku tressaq f'kawza ta' separazzjoni. Dan l-istess artiklu jipprovdi wkoll li jekk il-partijiet ma jkunux mizzewgin, u l-komunjoni ta' l-akkwisti tkun waqfet, <u>**bi qbil bejniethom**</u> jistghu jitolbu l-hall taz-zwieg minghajr ma jillikwidaw l-komunjoni ta' l-akkwisti. Pero' din it-talba ma saritx bi qbil bejn l-partijiet; (Artiklu 66D (5) tal-Kodici Civili);

Illi d-divorzju ma jxoljix l-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi r-rikorrent ghandu jipprovdi l-ahhar indirizz ta' l-intimata sabiex b'hekk, l-esponenti jkunu jistghu jittantaw jaghmlu kuntatt ma' l-istess intimata;

Ili ma humwiex minnu li l-intimata tilfet id-dritt fuq l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghaliex din abbandunat id-dar matrimonjali;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar, 2018;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi fir-rikors tieghu r-rikorrenti qieghed jitlob ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet unikament u esklusivament imputabbli lill-intimata ai termini tal-artikoli 38 sal-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Huwa talab ukoll li l-intimata tilfet kull dritt u setgha fuq il-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddikjara li l-intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur.

Rat illi l-kuraturi deputati gew notifikati b'diversi rikorsi li saru mir-rikorrenti, izda huma baqghu ma wiegbux u ma dehrux aktar ghas-seduti ffissati mill-Qorti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-intimata abbandunat id-dar matrimonjali tlett xhur wara z-zwieg u cioe` fis-sena 2001. Hija telqet minn Malta u minn dakinhar ma kellu l-ebda kuntatt maghha. Ghaldaqstant, il-Qorti rat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment, ukoll ghaliex il-partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;

Illi r-rikorrenti rnexxielu jipprova wkoll permezz ta' affidavit li ma gie bl-ebda mod kontradett mill-kuraturi deputati illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fl-appartament numru 42, flat 2, Triq Santa Bernardette, San Gwann, bil-garage sottostanti bla numru ufficjali;

Tikkonsisti wkoll minn kontijiet bankarji u bonds tal-bank f'isem ir-rikorrenti u zewg vetturi tal-ghamla Toyota Mrs bin-numru MRS654 u Mercedes CLK bin-numru ta' registrazzjoni MAR 339;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 66 u 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,  qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti, rat ukoll illi r-rikorrenti pprova illi l-intimata abbandunatu wara tlett xhur biss miz-zwieg u bla ebda raguni valida u ghalhekk il-qorti tara li ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-intimata, l-artikoli 38 sa 41tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti tiddikjara wkoll li l-intimata tilfet kull dritt u setgha fuq il-komunjoni tal-akkwisti li qeghda tigi dikjarata xjolta u diviza bil-mod illi dak kollu elenkat mir-rikorrenti jappartjeni esklussivament  lilu;

Il-Qorti tiddikjara wkoll li l-intimata ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attur u qeghda tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimata;

Bl-ispejjez kontra l-intimata b'dan illi r-rikorrenti ghandu provisorjament ihallas l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati f'din il-kawza;